**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa**

# 8 LEĠIŻLATURA

# Laqgħa Numru 15

**It-Tnejn, 24 ta' Frar, 2020**

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz "Dar Birżebbuġa", Triq Santa Marija, Birżebbuġa, fil-5.40 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Joseph Farrugia (JF) | Sindku |
| Is-Sur Scott Camilleri (SC) | Viċi Sindku |
| Is-Sur Sandro Alex Caruana (AC) | Kunsillier |
| Is-Sur Stanley Zammit (SZ) | Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Baldacchino (JB) | Kunsillier |
| Is-Sa Josette Busuttil (JBD) | Kunsilliera |
| Is-Sa Maria Mifsud ( MM) | Kunsilliera |
| Is-Sa Doriana Portelli (DP) | Kunsilliera |

| | |
|---|---|
| Membri tal-Pubbliku: | Sur Pawlu Polidano |
| | Sur Frankie Zammit (minn Polidano Group) |

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Carlo Stivala (CS) | Kunsillier |

**ASSENTI**
Nil

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

Is-Sa Rosalie Mintoff – Aġent Segretarju Eżekuttiv

Is-Sur Joseph Farrugia, Sindku, ippresjeda

## Minuti

## 15.01 Qari ta' ittri ta' apoloġiji;

15.01.01 Is-Sur Sindku qara l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier Carlo Stivala li ġiet approvata mill-kunsilliera kollha preżenti.

Waqt is-seduta daħal preżenti s-Sur Pawlu Polidano mill-kumpanija Polidano Brothers flimkien mal-accountant tiegħu Frankie Zammit. Is-seduta ġiet sospiża sakemm il-kunsill iddiskuta l-problema fir-rigward ix-xogħlijiet li saru fi Triq il-Brolli u l-ħlasijiet marbutin ma' din it-triq, li sal-lum għadhom pendenti. Dan l-għaliex, skont il-perita tal-kunsill, għad hemm xi aġġornamenti li jridu jsiru. Intlaħaq ftehim mas-Sur Polidano, li l-Kunsillier Caruana ser jieħu ħsieb u jsejjaħ laqgħa fil-preżenza tas-Sur Polidano u l-perita fi ħdan il-Kunsill. Is-Sur Polidano ħalla s-sala tal-Kunsill fis-sitta u nofs u ħamsa, fejn il-Kunsill kompla bid-diskussjoni tas-seduta skont l-Aġenda prinċipali.

## 15.02 Approvazzjoni għall-ħatra tas-Segretarju Eżekuttiv

Waqt din is-sezzjoni, l-Aġent Segretarju Eżekuttiv talab li jiġi sospiż għal raġunijiet ta' kunflitt ta' interess.

15.02.01 Waqt is-seduta b'mozzjoni ittieħed vot unaninament favur għall-approvazzjoni għall-ħatra ta' Sa Rosalie Mintoff bħala s-Segretarju Eżekuttiv. Il-proponent kien is-Sur Sindku, filwaqt li kien sekondat mill-kunsillier Stanley Zammit.

Wara dan il-vot, l-Aġent Segretarju Eżekuttiv, ġiet imsejħa fis-sala tal-Kunsill fejn ingħatat l-aħbar.

15.02.02 Il-viċi Sindku ġibet ftit l-attenzjoni lis-segretarju eżekuttiv kif għandha tieħu t-tmexxija tagħha fir-rigward tal-Customer Care ġewwa l-Kunsill.

## 15.03 Komunikazzjoni mis-Sur Sindku

15.03.01 Is-Sur Sindku insista li issa l-proċess tal-ħatra għandu jitkompla sakemm fl-aħħar l-Aġent Segretarju Eżekuttiv tibda fuq bażi full time fi ħdan il-Kunsill bħala uffiċjalment Segretarju Eżekuttiv.

## 15.04 Tweġibiet għall-mistoqsijiet imressqa mill-kunsilliera

15.04.01 Ġie diskuss hu miftiehem in-nominazzjonijiet li ser ikunu jservu sabiex jagħmlu l-evalwazzjonijiet fir-rigward it-tender tal-latrini pubbliċi. In-nominazzjonijiet huma: l-kunsillier Stanley Zammit bħala chairman, filwaqt li l-kunsillier Sandro Alex Caruana, Il-kunsillier Joe Baldacchino, il-kunsilliera Maria Mifsud ser ikunu jservu bħala evaluators u l-Aġent Segretarju Eżekuttiv bħala s-segretarju.

15.04.02 Il-Kunsillier Stanley Zammit tkellem fuq it-tabelli nieqsa li hemm fil-preżent fi Triq il-Ġebel. Huwa spjega wkoll illi r-road humps li għadhom kif saru, minn sitta, tnejn biss ġew tajbin, mill-bqija l-erbgħa l-oħra għad irridu jiġu rranġati skont it-talba tal-Kunsill. Dan ix-xogħol twettaq mit-Transport Malta u fejn hemm l-asphalt m'għandux ikun hemm ir-road humps.

15.04.03 Għaddiet b'mozzjoni s-suġġeriment tat-tabella fuq ilment mill-uffiċċju tal-Ombudsman sabiex il-Kunsill iwaħħal tabelli li jindikaw nuqqas tas-storbju b'rispett lejn ir-residenti li jabbitaw fin-naħat tal-grownd tal-futboll. Fuq mudelli stampati u provduti mill-kunsillier Zammit, il-Kunsill qabel mal-mudell bin-numru (4). Il-Kunsill għandu jieħu ħsieb li jordna dawn it-tabelli.

15.04.04 Il-Kunsillier Zammit staqsa min huma l-kuntratturi li bħalissa għandhom tender attiv mal-Kunsill sabiex jagħmlu xogħlijiet relatati ma' bankini, road humbs bit-tarmac, bini ta' roundabouts.....eċċ. L-Aġent, Segretarju Eżekuttiv ippreżentat lista tat-tenders li kienet provduta, li tindika dawk it-tenders li hemm preżenti, oħrajn li għad irridu jiġu proċessati u dawk li diġà skadew. Fil-pront il-Kunsilliera Zammit u Caruana enfassizaw sabiex jiġi ppubblikat malajr kemm jista' jkun it-tender relatat mad-dawl dekorattiv ta' Pjazza Pietru Pawl Saydon ġewwa Bengħisa. Kif ukoll b'dawl ieħor relatat mal-inawgurazzjoni tal-bust f'ġieħ San Ġorġ Preca.

15.04.05 Il-Kunsillier Busuttil staqsiet fir-rigward is-sinjali fi Triq Ħajja Ewlenija. Il-Kunsillier Zammit wieġeb li l-applikant applika hu dirett ma' Transport Malta. Transport Malta wettqet ix-xogħol u għamlet is-sinjali. Wara ftit jiem, kienet Transport Malta stess li reġgħet ħasret l-istess sinjali. Għaldaqstant, skont il-Kunsillier Zammit, l-applikant irrid hu stess jagħmel l-ilment tiegħu ma' Transport Malta. Il-kunsillier Caruana offra li jmur jagħmel viżita f'din it-triq u jikkuntattja lir-rappreżentat tat-Transport Malta fir-rigward din is-sitwazzjoni.

15.04.06 Il-Kunsillier Busuttil staqsiet ukoll x'sar minnu l-proġett ta' San Patrizju? Is-Sur Sindku weġibha li wieqaf għal kollox, għaliex il-Freeport mhux lest li jħallas. Għaldaqstant il-kunsillier Busuttil xtaqet li tiltaqa' mal-Project Plus fuq dan il-każ.

## 15.05 Aġġornament

15.05.01 Il-laqgħa aġġornat fit-tmienja u nofs ta' filgħaxija. Il-Kunsill qabel li għandu jerġa jiltaqa' nhar l-Erbgħa, 4 ta' Marzu, 2020 fis-sitta ta' filgħaxija ġewwa l-uffiċċju tal-Kunsill Lokali.

Konfermati, illum 4 ta' Marzu, 2020.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| ___________________________ | _________________________ |
| Joseph Farrugia | Rosalie Mintoff |
| Sindku | Aġent, Segretarju Eżekuttiv |

*Proponent kienet il-kunsillier Doriana Portelli, sekondata mill-kunsillier Joseph Baldacchino